MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 31 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1058/1999/1

**Citazz Nru. 1058/99 CFS**

**Donnington Shipping Limited**
**vs**
**Dottor Carmel Chircop bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza ta' Nedelandse Scheepshypotheekbank**

**vs**

**Mv Marc Challenger**

Il-Qorti,

**RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Dr Carmel Chircop nomine li bih ippremetta:

Illi permezz ta' cedola ta' depozitu numru 360/97 s-socjeta` Donnington Shipping Limitted iddepozitat taht l-awtorita` ta' din l-Onorabbli Qorti s-somma ta' tlett mija u

ghoxrin elf Dollaru Amerikani (USD 320,000) prezz tal-bastiment Marc Challenger li gie liberat favur id-depozitant rizultat tal-bejgh fl-atti tas-subasta numru 56/97, sabiex l-istess somma tinghata liberament lil min tispetta skond il-ligi.

Illi, kif jirrizulta mill-atti tas-subasta, r-rikorrent noe huwa kreditur tal-bastiment Marc Challenger fis-somma ta’ tlett miljuni tlett mija u erbat elef mija u seba’ u sebghin Dollaru Amerikani (USD 3,301,177.47) salvi imghaxijiet ulterjuri u spejjes ohra dovuti.

Ghalhekk ir-rikorrent noe talab lil din l-Qorti joghgobha tawtorizzah jizbanka l-imsemmija somma ta’ USD 320,000 sabiex jithallas parti mill-kreditu tieghu.

**ECCEZZJONIJIET:**
Rat ir-risposta ta’ Dr Mark Camilleri fejn eccepixxa:

Illi huwa ma jaqbilx mat-talba tar-rikorrenti;

Illi fil-kapacita` tieghu ta’ mandatarju tas-socjeta` estera “Spiris Christos Limited” istitwixxa proceduri legali ossija kawza kontra l-istess bastiment (Citaz nru 797/97 AJM) liema proceduri gew konkjuzi definittivament fit-12 ta’ Mejju 1997, adesivament ghall-istanza u ghalhekk il-vapur gie kkundannat ihallsu s-somma ta’ Lm8819 circa li huma ekwivalenti f’valuta maltija ghall-ammont ta’ DRM 6,182.000, oltre l-imghax dovut kalkolabbli mill-15 ta’ Jannar 1997 sal-gurnata tal-effettiv pagament, kif ukoll l-ispejjes tal-kawza ammontanti ghall-Lm681.15. skond taxxa ufficcjali mahruga mir-Registru ta’ dawn il-Qorti.
Illi inoltre hu jaf li kien hemm kawza ohra deciza minn dawn il-Qrati fl-ismijiet “Dr Joseph A Schembri nomine vs M.V Mark Challenger” li giet deciza fis-17 ta’ Marzu 1997 (Citazz Nru 396/97 FGC) u l-istess vapur gie kkundannat ihallas l-ammont ta’ Lm4700 circa li huwa l-ekwivalenti f’valuta maltija ghall-USD 12,679.84 kif ukoll l-imghax kalkolabbli mit-22 ta’ Jannar 1997 sal-gurnata tal-effettiv pagament u l-ispejjez tal-kawza ammontanti ghall-Lm326.08 skond taxxa ufficjali mahruga mir-Registru ta’ dawn il-Qrati.

Illi hu ma jafx hemmx kredituri ohrajn li ghandhom reklami kontra l-istess vapur u dan ma jistax jigi determinat bi precisjoni u ***erga omnes*** stante li ghad ma nbdewx u wisq anqas huma konkjuzi l-proceduri legali tar-"ranking of creditors" li jridu jsiru sabiex tigi kristallizzata s-sitwazzjoni ta' kull kreditur tal-vapur.

Ghaldaqstant talab li, fid-dawl tas-suespost, t-talba tar-rikorrenti Dr Carmel Chircop nomine ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra tieghu u dan isir taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti joghgobha timponi fic-cirkostanzi.

Rat il-Kontro-risposta ta' Dr Carmel Chircop nomine:

Illi fit-3 ta' Lulju 1997 hu ppresenta rikors fejn talab lill-Qorti tawtorizzah jizbanka s-somma ta' USD 320,000 prezz ta' l-istess vapur wara bejgh b'subasta minn taht l-Awtorita` ta' din il-Qorti;

Illi Dr Mark Camilleri fil-kapacita` tieghu ta' mandatarju tas-socjeta` estera "Spiris Christos Limited" fl-14 ta' Lulju 1997 presenta risposta fejn oggezzjona ghat-talba ta' Dr Chircop nomine stante illi kien istitwixxa proceduri legali kontra l-bastiment liema proceduri gew konkluzi definittivament u ghalhekk il-bastiment huwa kkundannat ihallas l-ammont ta' Lm8819 u l-imghaxijiet relattivi kif ukoll Lm681.15 rappresentanti taxxi ufficcjali;

Illi Dr Chircop nomine ma ghandu ebda oggezzjoni illi l-ammont kontestat minn Dr Mark Camilleri nomine jibqa' depositat taht l-Awtorita` ta' din il-Qorti sakemm l-istess Qorti tiddeciedi fil-proceduri legali tal-konkors ta' kredituri minn jikwalifika jizbanka l-istess ammont;

Ghaldaqstant Dr Chircop talab lil din l-Qorti sabiex tawtorizzah jizbanka l-bilanc tal-ammont mhux kontestat minn Dr Mark Camilleri nomine mill-ammont ta' USD 320,000 u dan isir taht il-provvedimenti kollha li din il-Qorti joghgobha timponi fic-cirkostanzi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Rat illi l-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern saret a tenur tal-artikolu 416 tal-Kap 12 u kopja tinstab a fol 13 tal-process. Illi fit-12 ta' Lulju, 1999 l-Qorti nnominat lil Dr Cassar Pullicino. Dan ikkonkluda li:

"Illi talab li din l-Onorabbli Qorti tordna l-ftuh ta' konkors tal-kredituri fuq l-istess depositu fuq imsemmi u l-pubblikazzjoni relattiva kontemplata fl-Artikolu 416 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi effettivament l-avviz tal-Gazzetta tal-Gvern gie pubblikat fil-harga numru 16783 tat-30 ta' April 1999.

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-uniku kreditur li sussegwentement talab li jikkonkorri f'dawn il-proceduri kien Dottor Carmel Chircop nomine li b'rikors prezentat fil-25 ta' Mejju 1999 fejn essenzjalment rega' kkonferma l-kreditu minnu pretiz u talab li jikkonkorri u li l-kreditu tieghu jigu pregradwat;

Illi mill-atti jirrizulta illi dawn il-proceduri ta' konkors ta' kredituri kienu gew istigati peress illi meta l-istess Dottor Carmel Chircop nomine kien ipprezenta rikors sabiex jizbanka l-ammont depozitat fir-registru in segwitu tas-subbasta tal-vapur Mv Marc Challenger kienet saret opposizzjoni minn Dr Mark Camilleri bhala mandatarju tas-socjeta` estera Spiris Christos Limited.

Illi peress li kien hemm din l-oggezzjoni ghalhekk, il-Qorti ipprocediet ghall-ftuh tal-konkors tal-kredituri kif fil-fatt giet mitluba taghmel permezz tar-rikors ta' Dottor Carmel Chircop nomine hawn fuq imsemmi tat-3 ta' Frar 1998 pero` kif gja intqal, hadd izjed hlief Dottor Carmel Chircop

nomine ma ppartecipa fil-konkors. L-esponent ha l-prekawzjoni li jinforma lill-avukat Dr Lennart Depasquale li kien jippatrocinja lil Dr Mark Camilleri nomine, biex jiddikjara jekk kellux aktar interess f'dawn il-proceduri, izda baqa' minghajr ebda risposta.

Illi fid-dawl tal-premess l-unika kompitu li ghandu l-esponent f'dawn ic-cirkostanzi huwa li jezamina l-fondatezza o meno tal-kreditu pretiz minn Dottor Carmel Chircop nomine.

Illi jirrizulta illi l-imsemmi Dottor Carmel Chircop nomine kien ipprezenta ittra ufficcjali quddiem din il-Qorti fid-19 ta' Frar 1997 li permezz taghha l-mandanti tieghu Nederlandse Scheepshypotheekbank NV ippremettiet li kienet kreditur tal-bastiment Mv Marc Challenger, li huwa registrat il-Grecja, tas-somma ta' US$ 3,304,177.47 rapprezentanti sorte u bilanc ta' imghax sat-30 ta' Jannar 1997 dovuti taht:

1. Loan Agreement datat 10 ta' Novembru 1992 mahrug minn Nederlandse Scheepshypotheekbank NV u accettat minn Dalia Maritime SA socjeta` registrata l-Liberia, li hija l-proprjetarja tal-bastiment Mv Marc Challenger; u

2. First Preferred Ship Mortgage datat 10 ta' Novembru 1992 fuq il-bastiment Mv Marc Challenger iffirmata minn Dalia Maritime SA a favur ta' Nederlandse Scheepshypotheekbank NV, permezz ta' liema giet registrata "First Preferred Ship Mortgage" fir-registru tal-bastiment Mv Marc Challenger in kawtela tal-kreditu pretiz ta' US$ 3,075.000.

Illi tajjeb li jinghad illi b'din l-ittra ufficcjali, l-imsemmi Mortgage registrat fuq il-bastiment in kwistjoni, gie res titolu esekuttiv a tenur tal-Artikolu 42 (2) tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta (Merchant Shipping Act) tant li gie anness ma' l-istess ittra ufficcjali u affidavit ta' Dottor Carmel Chircop li fih inter alia gie konfermat bil-gurament li l-kreditu tal-mandanti tieghu kien cert, likwidu u dovut kif jesigi s-Sub Artikolu 4 tal-Artikolu 42 tal-Kap 234. In oltre

ghandu jinghad ukoll illi Mortgage huwa privileggjat a basi tal-Artikolu 54 tal-Kap 234."

Illi apparti l-premess gew esebiti dokumenti ohra li jkomplu jsostnu l-kreditu pretiz minn Dottor Carmel Chircop nomine, senjatament kopja tal-Preferred Mortgage, rendikonti mahruga mill-mandanti ta' Dottor Chircop kif ukoll "Default Letter" tat-30 ta' Jannar 1997, li lkoll jassodaw id-drittijiet u pretensjonijiet ta' Nederlandse Scheepshypotheekbank NV fil-konfront tal-bastiment MV Marc Challenger.

Illi fid-dawl tal-premess u fin-nuqqas ta' ebda kontestazzjoni u pretensjoni ohra fuq l-ammont li jinsab depositat bis-sahha tac-cedola ta' depositu numru 360/97 maghmula minn Donnington Shipping Limited, l-esponent jikkonkludi din ir-relazzjoni billi jiddikjara illi l-pretensjonijiet ta' Dottor Carmel Chircop fil-kwalita` tieghu premessa huma pjenament pruvati u fondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghalhekk din il-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet minnu dedotti u tawtorizzah jizbanka kull ammont depositat bis-sahha tac-cedola ta' depositu 360/97."

Illi l-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet Peritali u taghmilhom taghha. Tilqa' t-talba u tiddikjara li l-pretensjonijiet ta' Dottor Carmel Chircop fil-kwalita` tieghu premessa huma pjenament pruvati u fondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u tawtorizzah biex jirtira l-ammont li jinsab depositat bis-sahha tac-cedola ta' depositu numru 360/97 maghmula minn Donnington Shipping Limited.

Spejjez kontra r-rappresentanti tal-bastiment Marc Challenger.